MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 680/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

BBQ Centre Limited (C26532) u Jason Pace (Id. 144571M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,954.45) minghand il-konvenuti, in konnessjoni ma' diversi servizzi telefonici bin-numri 21572167, 21574417, 21577654, 21578528, 21578732 u 21578835. Minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf, disa' mija u erbgha u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,954.45), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------